32004R1590

30.9.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 304/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1590/2004

## tas-26 ta' April 2004

## li jistabbilixxi programm Komunitarju dwar il-konservazzjoni, il-karatterizzazzjoni, il-ġbir u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1467/94

**(Test b'rilevanza ŻEE)**

Il-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta mill-Kumissjoni,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Billi:

(1) Id-diversità bijoloġika u ġenetika fl-agrikoltura hija essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli tal-produzzjoni agrikola u taż-żoni rurali. Il-miżuri meħtieġa għandhom għalhekk jittieħdu biex jiġi konservat, karatterizzat, miġbur u użat il-potenzal ta' diversità b'mod sostenibbli għall-promozzjoni ta' l-iskopijiet tal-Politika Agrikola Komuni (KAP).

(2) Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura jikkontribwixxu wkoll għall-iskopijiet tal-Konvenzjoni dwar id-diversità bijoloġika approvata mill-Komunità b'Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE ([1]) u l-istrateġija relatata tal-Komunità dwar il-bijodiversità li tinkludi pjan ta' azzjoni għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-protezzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura. Hija wkoll mira maġġura tal-Pjan Globali ta' Azzjoni tal-FAO għall-Konservazzjoni u l-Użu sostenibbli tar-Riżorsi Ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u l-Agrikoltura u tat-trattat internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-ikel u l-Agrikoltura, li l-Kummissjoni u l-Istati Membri iffirmaw fis-6 ta' Ġunju 2002.

(3) Il-firxa wiesgħa ta' attivitajiet li wettqu l-Istati Membri (permezz ta' entijiet pubbliċi jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi) u minn organizzazzjonijiet u programmi internazzjonali varji bħal-FAO, il-Programm Ewropew ta' Koperazzjoni għall-*Networks* ta' Riżorsi Ġenetiċi ta' l-uċuħ (ECP/GR - *the European Cooperative Programme for Crop Genetic Resources Networks*), il-Grupp Konsultattiv dwar Riċerka Internazzjonali fl-Agrikoltura (CGIAR - *Consultative Group on International Agricultural Research*), il-Forum Globali tar-Riċerka fl-Agrikoltura (GFAR - *the Global Forum on Agricultural Research*), ir-Riċerka Agrikola għall-iżvilupp (ARD - *the Agricultural Research for Development*), organizzazzjonijiet reġjonali jew subreġjonali sostnuti mill-Komunità, il-Punt Fokali Reġjonali Ewropew (ERFP - *European Regional Focal Point)* tal-Kordinaturi Nazzjonli għall-imaniġġjar tar-riżorsi ġenetii ta' l-annimali tat-trobbija, il-Programm Ewropew tar-riżorsi ġentiċi tal-foresti (Euforgen - *European Forest Genetic Resources Programme*) u l-impenji relatati tal-Konferenza Ministerjali permanenti dwar il-protezzjoni tal-foresti fl-Ewropa (MCPFE - *Ministerial Conference on the protection of forests in Europe*), li l-Komunità hija firmatarja tagħhom, jitolbu skambju ta' informazzjoni effettiva u kordinazzjoni mill-qrib bejn il-protagonisti komunitarji prinċipali u l-organizzazzjonijiet interessati madwar id-dinja dwar il-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura sabiex jiġi mtejjeb l-impatt posittiv fl-agrikoltura.

(4) Ix-xogħol li nbeda fuq il-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura jista' jgħin biex tinżamm id-diversità bijoloġika, itejjeb il-kwalità tal-prodotti agrikoli, jikkontribwixxi biex tiżdied id-diversifikazzjoni fiż-żoni rurali u tnaqqas l-infiq u l-ispejjeż tal-produzzjoni agrikola bil-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola sostenibbli u billi tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali.

(5) Il-konservazzjoni *ex situ* u *in situ* tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura (inkluża l-konservazzjoni u l-iżvilupp *in situ*/ fl-ażjenda) għandha tiġi promossa. Dan għandu jkopri r-riżorsi kollha ġenetiċi tal-pjanti, tal-mikrobi u ta' l-annimali li huma jew jistgħu jkunu utli għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, inklużi ir-riżorsi ġenetiċi tal-foresti, bi qbil mal bżonnijiet tal-KAP, biex jiġu kkonservati r-riżorsi u jiżdied l-użu ta' razez u varjetajiet fil-produzzjoni agrikola.

([1]) ĠU L 309, tat-13.12.1993, p. 1.

(6) Hemm bżonn li jkunu magħrufa aħjar ir-riżorsi ġenetiċi disponibbli fil-Komunità, l-oriġini u l-karatteristiċi tagħhom. L-informazzjoni rilevanti dwar faċilitajiet eżistenti u l-attivitajiet mwettqa fil-livell nazzjonali jew reġjonali dwar il-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura f'kull stat membru għandha tinġabar u ssir disponibbli għall-istati membri l-oħra u fil-livell kemm Komunitarju kif ukoll internazzjonali, partikolarment dak tal-prajjiżi li qed jiżviluppaw, skond it-Trattai u l-Ftehim Internazzjonali.

(7) L-Iżvilupp ta' inventarji bbażati fuq l-*internet,* deċentralizzati permanenti u aċċessibli fil-wisgħa li jiġbru tagħrif bħal dan u jiżguraw li jkun disponibbli fil-Komunità u fil-livell internazzjonali, għandu jiġi promoss, b'referenza partikolari għall-isforzi permanenti biex jiġi żviluppat inventarju ta' kollezzjonijiet *ex situ* miżmuma f'banek ġenetiċi Ewropej (bħal katalgu *Eurisco* fi ħdan l-infrastruttura informattiva dwar ir-riżorsi fitoġenetiċi Ewropej *EPGRIS – European Plant Genetic Resources Information Infra-Structure,* ffininanzjat mill-ħames programm qafas).

(8) Il-Komunità għandha tintegra u tippromwovi l-isforzi li jagħmlu l-Istati Membri għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika fl-agrikoltura. Fl-livell Komunitarju għandu jkun promoss il-valur miżjud bil-konċertazzjoni ta' azzjonijiet eżistenti u bis-sostenn ta' l-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda transkonfini li jinteressaw il-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura.

(9) Għandu jsir ħsieb għall-miżuri li jintegraw u li jmorru iktar il-bogħod mill-kamp ta' l-applikazzjoni, dwar il-benefiċjarji u/jew l-azzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar sostenn għall-iżvilupp rurali mill-font Ewropew ta' Gwida u Garanzija fl-Agrikoltura (EAGGF - *European Agricultural Guidance and Guarantee Fund*) ([1]).

(10) Sabiex jikkontribwixxu għall-atwazzjoni ta' dawn il-miri, twaqqaf programm Komunitarju skond Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/94 ta' l-20 ta' Ġunju 1994 dwar il-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu tar-riżorsi ġentiċi fl-agrikoltura ([2]), għall-perjodu ta' ħames snin. Dak il-programm spiċċa fil-31 ta' Diċembru 1999 u għandu jiġi sostitwit bi programm ġdid komunitarju. Ir-Regolament (KE) Nru 1467/94 għandu għalhekk jitħassar.

(11) L-għażla u l-implimentazzjoni ta' miżuri taħt il-programm ġdid Komunitarju għandhom jieħdu kont tar-riċerka, ta' l-iżvilupp teknoloġiku u ta' l-attivitajiet dimostrattivi sostnuti fl-livell nazzjonali jew taħt qafas ta' programmi tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet dimostrattivi. Il-*marketing* ta' żrieragħ u ta' materjal ta' propogazzjoni ta' pjanti li jiġu użati taħt il-programm ġdid m'għandux jippreġudika id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* ta' żrieragħ tal-magħlef ([3]), 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* taż-żrieragħ taċ-ċereali ([4]), 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-*marketing* ta' materjal għall-propogazzjoni veġetali ta' l-għenba ([5]), 92/33/KEE tad-28 ta' April 1992 dwar il-*marketing* ta' materjal għall-propogazzjoni veġetali ta' materjal, barra minn żrieragħ ([6]), 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar il-*marketing* ta' materjal ta' propogazzjoni ta' pjanti tal-frott destinati għall-produzzjoni tal-frott ([7]), 98/56/KE ta' l-20 ta' Lulju 1998 dwar il-*marketing* tal-materjal tal-propogazzjoni tal-pjanti ornamentali ([8]), 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-*marketing* ta' materjal riproduttiv tal-foresti ([9]), 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-katalogu komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' xtieli agrikoli ([10]), 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* taż-żrieragħ tal-pitravi ([11]). 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* taż-żrieragħ tal-ħxejjex ([12]), 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* taż-żrieragħ tal-patata ([13]), 202/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-*marketing* ta' żrieragħ ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ([14]).

(12) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Ftehim ŻEE) jiddisponi illi l-pajjiżi ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ ħieles li jipparteċipaw fiż-Żona Ekonomika Ewropea (pajjiżi EFTA/ŻEE) għandhom, *inter alia,* jsaħħu u jwessgħu l-koperazzjoni fil-qafas ta' l-attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tal-konservazzjoni, l-karaterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura.

([1]) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) No 1783/2003 (ĠU L 270, tal-21.10.2003, p. 70).

([2]) ĠU L 159, tat-28.6.1994, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) No 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

([3]) ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2298. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/EC (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).

([4]) ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2309. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Directtiva 2003/61/EC.

([5]) ĠU L 93, tas-17.4.1968, p. 15. Direttiva kif l-aħħar emendate bir-Regolament (KE) No 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, tat-18.10.2003, p. 1).

([6]) ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) No 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

([7]) ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 10. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003.

([8]) ĠU L 226, tat-13.8.1998, p. 16. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003.

([9]) ĠU L 11, tal-15.1.2000, p. 17.

([10]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

([11]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 12. Direttiva kif emendate bid-Direttiva 2003/61/KE.

([12]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 33. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

([13]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 60. Direttiva kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 2003/61/KE.

([14]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 74. Direttiva kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 2003/61 (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).

(13) Biex il-programm Komunitarju jiġi implimentat aħjar, programm tax-xogħol għal-perjodu 2004 sa 2006 għandu jsir biex jiddefinixxi id-dispożizzjonijiet finanzjarji rilevanti li jridu jiġu applikati.

(14) Għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programm Komunitarju, il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tista' tuża l-assistenza ta' esperti xjentifiċi u tekniċi.

(15) Il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tkun iffinanzjata mill-Intestatura 3 (Politika Interna) tal-prospettivi finanzjarji.

(16) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabilixxi il-proċeduri għall-eżerċizzju tal-kompetenzi eżekuttivi konferiti lill-Kumissjoni ([1]).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Skop**

Biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-KAP, u biex jiġu mplimentati l-impenji meħuda fuq livell internazzjonali, programm Komunitarju qiegħed hawnhekk jiġi stabbilit għall-perjodu 2004 sa 2006 biex jintegra u jippromwovi fuq livell Komunitarju ix-xogħol magħmul fl-Istati Membri għall-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' l-applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, tal-mikrobi u ta' l-annimali li huma jew jistgħu jiġu utilizzati fl-agrikoltura.

2. L-ebda għajnuna m'għandha tingħata skond dan ir-Regolament:

(a) għal impenji eliġibbli skond it-Titolu II, Kapitolu VI, tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, kif speċifikat taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2002 tas-26 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-għajnuna għall-iżvilupp rurali mill-font Ewropew ta' Gwida u Garanzija fl-Agrikoltura (EAGGF - *European Agricultural Guidance and Guarantee Fund*) ([2]);

(b) għall-attivitajiet eliġibbli skond il-programm qafar tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrattivi,

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) 'riżorsi ġenetiċi tal-pjanti' tfisser dawk l-uċuħ agrikoli, uċuħ ortikulturali, pjanti mediċinali u aromatiċi, uċuħ tal-frott, siġart al-foresta u flora selvaġġa li huma jew jistgħu jkunu ta' użu fil-kamp ta' l-agrikoltura;

(b) 'riżorsi ġenetiċi ta' l-annimali' tfisser dawk ta' annimali tal-farm (vertebrati u invertebrati) u l-fawna selvaġġa li huma jew jistgħu jkunu ta' użu fil-kamp ta' l-agrikoltura;

(ċ) 'materjal ġenetiku' tfisser kull materjal li joriġina mill-pjanti, mill-mikrobi jew mill-annimali, li jinkludi materjali ta' propogazzjoni riproduttiva u veġetattiva, li fihom unitajiet funzjonali ta' l-eredita;

(d) 'riżorsi ġentiċi għall-agrikoltura' tfisser kull materjal ġenetiku li joriġina mill-pjanti, mill-mikrobu jew mill-annimali ta' valur attwali jew potenzali għall-agrikoltura;

(e) 'konservazzjoni *in situ*' tfisser il-konservazzjoni ta' materjal ġenetiku f'ekosistemi u ambjenti naturali u l-manutenzjoni u l-irkupru ta' popolazzjonijiet vijabbli ta' speċi jew razez slavaġ fl-ambjent naturali tagħhom u, fil-każ ta' razez ta' annimali ddomestikati jew speċi ta' pjanti kkultivati, fl-ambjent tat-trobbija fejn żviluppaw il-karatteristiċi distintivi tagħhom;

(f) 'konservazzjoni *in situ*/ fl-ażjenda' tfisser konservazzjoni *in situ* u żvilupp fil-livell ta' l-ażjenda;

(g) 'konservazzjoni *ex situ*' tfisser il-konservazzjoni ta' materjal ġenetiku għall-agrikoltura barra mill-ambjent naturali tagħhom;

(h) 'kollezzjoni *ex situ*' tfisser kollezzjoni ta' materjal ġenetiku għall-agrikoltura kkonservat 'il barra mill-ambjent naturali tagħhom;

(i) 'reġjun bijo-ġeografiku' tfisser reġjun ġeografiku b'karatteristiċi tipiċi dwar il-komposizzjoni u l-istruttura tal-fawna u l-flora.

*Artikolu 4*

**Miżuri ammissibbli**

1. Il-programm Komunitarju msemmi fl-Artikolu 1 għandu jinkludi miżuri mmirati, miżuri konċertati u miżuri ta' akkumpanjament, kif speċifikat fl-Artikoli 5, 6 u 7.

2. Il-miżuri kollha li jsiru skond il-programm għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar ir-regoli fitosanitarji u ta' sanità ta' l-annimali u żootekniċi, dwar il-*marketing* taż-żrieragħ u materjal ta' propogazzjoni u dwar il-katalogu komuni u għandhom jieħdu kont ta':

(a) attivitajiet oħrajn li jsiru fuq livell Komunitarju;

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.
([2]) ĠU L 74, tal-15.3.2002, p. 2. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) No 963/2003ĠU L 138, tal-5.6.2003, p. 32).

(b) proċessi, żviluppi u ftehim internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward ta':

— il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika,

— it-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura,

— il-Pjan Globali ta' Azzjoni tal-FAO għall-konservazzjoni u l-Utilizzazzjoni Sostenibbli ta' Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura u miżuri oħra meħuda fil-qafas tal-FAO,

— l-Istrateġija Ewropea għall-Konservazzjoni tal-Pjanti u r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Konferenzi Ministerjali fuq il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa,

— l-Istrateġija Globali għall-Immaniġġjar ta' Riżorsi Ġenetii ta' l-Annimali Mrobbija, u

— programmi li jitwettqu fl-oqsfa internazzjonali bħal ma hum ail-Programm Koperattiv Ewropew għan-*Networks* ta' Riżorsi Ġenetiċi ta' l-uċuħ (ECP/GR), il-Punt Fokali Reġjonali Ewropew (ERFP) tal-Kordinaturi Nazzjonali għall-Immaniġġjar tar-Riżorsi Ġenetiċi ta' l-Annimali Mrobbija, il-Programm Ewropew dwar ir-Riżorsi Ġenetii tal-Foresti (Euforgen) u l-Grupp Konsultattiv dwar ir-Riċerka Agrikola Internazzjonali (CGIAR).

*Artikolu 5*

**Miżuri mmirati**

Il-miżuri mmirati għandhom jinkludu:

(a) il-miżuri li jippromwovu l-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura *ex situ* u *in situ*;

(b) l-elaborazzjoni ta' inventarju Ewropew bbażat fuq l-*internet* tar-riżorsi ġenetiċi konservati *in situ* li jinkludu attivitajiet ta' konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi *in situ*/fl-ażjenda, li jkunu deċentralizzati, permanenti u aċċessibbli fil-wisgħa;

(ċ) l-elaborazzjoni ta' inventarju Ewropew bbażat fuq l-*internet,* tal-kollezzjonijiet *ex situ* (banek tal-ġeni) u faċilitajiet *in situ* (riżorsi) u banek tad-dati disponibbli attwalment jew qed jiġu żviluppati fuq il-bażi ta' inventarji nazzjonali li jkunu deċentralizzati, permanenti u aċċessibbli fil-wisgħa;

(d) il-promozzjoni ta' skambji regolari ta' informazzjoni teknika u xjentifika, b'mod partikolari dwar l-oriġini u l-karatteristiċi individwali ta' riżorsi ġenetiċi disponibbli, bejn organizzazzjonijiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

Il-miżuri msemmija fil-punt (a) għandhom ikunu transnazzjonali, billi jittieħed kont, meta xieraq, ta' l-aspetti bijo-ġeografiċi reġjonali u jippromwovu jew jintegraw, fil-livell Komunitarju, ix-xogħol mwettaq fl-livell reġjonali jew nazzjonali. Ma jistgħux jinvolvu sostenn biex jinżammu żoni ta' protezzjoni tan-natura.

*Artikolu 6*

**Miżuri konċertati**

Il-miżuri konċertati għandhom jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet tematiċi għall-iskop tat-titjib tal-kordinazzjoni ta' miżuri u programmi għall-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura Komunitarja. Għandhom ikunu transnazzjonali.

*Artikolu 7*

**Miżuri ta' akkumpanjament**

Il-miżuri ta' akkumpanjament għandhom jinkludu miżuri ta' informazzjoni, tixrid u konsultazzjoni li jkunu jfissru l-organizzazzjoni ta' seminarji, konferenzi tekniċi, laqgħat ma organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGO's) u persuni oħrajn interessati, korsijiet ta' taħriġ u preparazzjoni ta' rapporti tekniċi.

*Artikolu 8*

**Programmi ta' xogħol**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju fuq il-bażi ta' program ta' xogħol li jkopri l-perjodu 2004 sa 2006 stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2) u salva d-disponibbiltà ta' allokazzjonijiet fil-*budget*.

2. Il-miżuri ko-finanzjati skond il-programm Komunitarju għandhom idumu erbgħa snin fil-massimu.

*Artikolu 9*

**Għażla ta' miżuri**

1. Il-Kummissjoni għandha, fil-qafas tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8 u fuq il-bażi ta' sejħa għall-proposti għall-miżuri ppublikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, tagħżel l-azzjonijiet li għandhom jiġu iffinanzjati taħt il-programm Komunitarju.

2. Is-sejħiet għall-proposti għandhom ikopru l-miżuri u ż-żoni msemmija fl-Artikoli 5, 6 u 7 u fl-Anness I. Il-kontenut tas-sejħiet għall-proposti għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2) u b'mod konformi ma' l-artikoli rilevanti taħt it-Titou VI tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]).

3. Il-proposti għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 5,6 u 7 jistgħu jiġu sottomessi minn enti tas-settur pubbliku jew persuna fiżika jew ġuridika li għandhom iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru jew li huma stabbiliti fil-Komunità, inklużi banek tal-ġeni, organizzazzjonijiet mhux governattivi, raħħala, istituti tekniċi, rziezet sperimentali, ġenniena u proprjetarji ta' foresti. Enti u persuni stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu wkoll jagħmlu proposti tagħhom meta dan ikun previst fl-Artikolu 10.

([1]) ĠU L 248, ta' l-10.9.2002, p. 1.

4. Fl-istima tal-proposti għandu jittieħed kont tal-kriterji li ġejjin:

(a) ir-rilevanza mal-miri tal-programm Komunitarju kif definit fl-Artikolu 1;

(b) il-kwalità teknika tax-xogħol propost;

(ċ) il-ħila li twettaq il-miżura b'suċċess u tiżgura l-immaniġġjar effiċjenti tagħha, stmata skond ir-riżorsi u l-kompetenzi u inklużi l-arranġamenti organizzattivi ddefiniti mill-parteċipanti;

(d) Valur miżjud Ewropew u l-kontribuzzjoni potenzali għall-politika Komunitarja.

5. Proposti għall-miżuri biex jiġu iffinanzjati mill-programm Komunitarju għandhom jintagħżlu fuq il-bażi ta' stima indipendenti ta' esperti. L-esperti indipendenti għandhom jiġu invitati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 57(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u skond l-Artikolu 178 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li stabbilew regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/202 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]).

6. Jekk ikun meħtieġ, regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2).

*Artikolu 10*

**Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi**

Il-programm Komunitarju għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta:

(a) Pajjiżi EFTA/ŻEE skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ŻEE;

(b) pajjiżi assoċjati, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim bilaterali rispettivi li jistabbilixxu il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħhom fi programmi Komunitarji.

*Artikolu 11*

**Ftehim dwar l-għajnuna**

1. Wara l-adozzjoni tal-miżuri magħżula, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim dwar l-għajnuna ma' dawk li jipparteċipaw f'dawn il-miżuri skond l-Artikoli relevanti taħt it-Titolu VI tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. Il-ftehim dwar l-għajnuna għandu jiddefinixxu kriterji ddettaljati għar-rappurtaġġ, għat-tixrid, għall-protezzjoni u għall-isfruttament tar-riżultati tal-miżuri.

2. Il-Kummisjoni għandha tieħu l-passi neċessarji, b'mod partikolari permezz ta' kontrolli tekniċi, amministrattivi u ta' kontabilità fil-bini tal-benefiċjarji, biex tivverifika illi l-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn mogħtija huma preċiżi, u illi l-obbligazzjonijiet kollha stabbiliti fil-ftehim dwar l-għajnuna ġew sodisfatti.

*Artikolu 12*

**Assistenza Teknika**

1. B'konformità ma l-Artikolu 57(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, il-Kummissjoni tista' tagħmel użu mill-assistenza ta' l-esperti xjentifiċi u tekniċi għall-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju, inklużi pariri tekniċi rigward il-preparazzjoni għat-tnehdija għall-proposti, valutazzjoni ta' rapporti tekniċi u finanzjarji, monitoraġġ, rappurtaġġ u għall-iskopijiet ta' informazzjoni.

2. Kuntratt tas-servizz għandu jiġi ffirmat wara li tkun saret il-proċedura tat-tnehdija għall-appalt fil-qasam ta' l-akkwisti pubbliċi skond l-Artikoli rilevanti taħt it-Titolu V tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

*Artikolu 13*

**Kontribut Komunitarju**

1. Il-kontribut Komunitarju għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 m'għandux jeċċedi 50 % tat-total tal-kost tal-miżuri.

2. Il-kontribut Komunitarju għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 u 7 m'għandux jeċċedi 80 % tat-total tal-kost tal-miżuri.

3. Għandu jkun allokat kontribut Komunitarju sa 100 % tal-kost totali ta' l-assistenza msemmija fl-Artikolu 9(5) (Valutazzjoni tal-proposti, l-Artikolu 12 (Assistenza Teknika) u l-Artikolu 14 (Valutazzjoni tal-programm Komunitarju).

4. L-Intestatura 3 tal-Prospettiv Finanzjarju 'Politika Interna' għandha tikkontribwixxi għall-iffinanzjar tal-miżuri u l-assistenza taħt il-programm Komunitarju bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

5. Analiżi indikattiva tal-fondi allokati lill-programm Komunitarju hija mogħtija fl-Anness II.

*Artikolu 14*

**Valutazzjoni tal-programm Komunitarju**

Fl-tmiem il-programm Komunitarju, il-Kummissjoni għandha tinnomina grupp ta' esperti indipendenti biex jirrapurtaw dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jeżaminaw ir-riżultati u biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet xierqa. Ir-rapport tal-grupp flimkien mal-kummenti tal-Kummissjoni, għandhom jingħataw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

([1]) ĠU L 357, tal-31.12.2002, p. 1.

*Artikolu 15*

**Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat dwar il-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi ta' l-agrikoltura (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala l-Kumitat).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468 KE għandu jkun iffissat bħala xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta ir-Regoli tiegħu tal-Proċedura.

4. Il-Kumitat għandu jkun infurmat regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju.

*Artikolu 16*

**Abrogazzjoni**

Ir-Regolament (KE) Nru 1467/94 għandu jiġi abrogat, mingħajr preġudizzju għall-obligazzjonijiet kontrattwali tal-partijiet illi jkunu daħlu f'kuntratti skond dak ir-Regolament.

*Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-26 ta' April 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. WALSH

*L-ANNESS I*

## Il-programm Komunitarju: miżuri u setturi ammissibli

### 1. Miżuri u setturi ammissibli

Il-porgramm Komunitarju jirrigwards il-konservazzjoni, il-karatterizzazzjoni, il-valutazzjoni, il-ġbir, id-dokumentazzjoni, l-iżvilupp u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi li bħalissa jinstabu fit-territorju tal-Komunità. Il-pjanti (pjanti biż-żerriegħa), l-annimali (vertebrati u ċerti invertebrati) u mikro-organiżmi huma organiżmi ammissibli.

Il-programm ikopri materjal illi qed jikber attivament u materjal rieqed (żerriegħa, embrijuni, seme u polline). Il-kollezzjonijiet *ex situ, in situ* u fuq l-aġenda huma koperti. It-tipi kollha ta' materjal huma ammissibli inklużi l-varjetatjiet kultivati u r-razez domestiċi, r-razez lokali, materjal tan-nissiela, kollezzjonijiet ta' materjal ġenetiku u speċi slavaġġ.

Għandha tingħata prijorità lill-ispeċi li huma, jew jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jsiru importanti fl-agrikoltura, fl-ortikoltura u fil-foresterija fil-Komunità.

Għandha tingħata preferenza għall-użu tar-riżorsi ġenetiċi għal:

(a) diversifikazzjoni ta' produzzjoni fl-agrikoltura;

(b) titjib tal-kwalità tal-prodott;

(ċ) immaniġġjar sostenibbli u l-użu ta' riżorsi naturali u agrikoli;

(d) it-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent u tal-pajżaġġ;

(e) identifikazzjoni ta' prodotti għall-użi u swieq ġodda.

Meta l-kollezzjonijiet huma reġistrati u jibda jsir ġbir mill-ġdid, għandhom jittieħdu passi fi ħdan il-programm biex jiġi żgurat illi l-esperjenza tradizzjonali reġjonali u dak li sar magħruf mill-utenti (bdiewa, ġardinara) dwar metodi ta' kultivazzjoni, użi speċifiċi, pproċessar, togħma, eċċ., huma wkoll inklużi. L-informazzjoni ta' l-aħħar m'għandiex tiġi rreġistrata bħala rakkont imma, sa fejn possibli, b'mod standardizzat li jippermetti dokumentazzjoni u rkupru faċli tad-*data* f'sistema ta' *database* relazzjonali.

Il-miżuri kollha taħt dan il-programm għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-*marketing* taż-żrieragħ u materjal ta' propogazzjoni u dwar il-katalogu komuni, kif ukoll ma' regoli fitosanitarji u tas-saħħa ta' l-annimali u żootekniċi fis-seħħ fil-Komunità.

Il-passi xierqa, skond il-miri tal-KAP u b'konformità ma' l-impenji internazzjonali tal-Komunità, għandhom jittieħdu sabiex jippromwovu t-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati tax-xogħol fil-qasam tal-konservazzjoni, tal-karatterizzazzjoni, tal-valutazzjoni, tal-ġbir, tad-dokumentazzjoni, ta' l-iżvilupp u ta' l-użu tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura li jistgħu jikkontribwixxu biex jinlaħqu dawn il-miri u l-impenji. Il-mira maġġuri hi dik li jkun hemm provdut sostenn effiċjenti u prattiku għall-utenti finali attwali u futuri tar-riżorsi ġenetiċi fil-Komunità.

### 2. Miżuri u setturi esklużi

Il-miżuri li ġejjin huma esklużi b'mod speċifiku mill-għajnuna finanzjarja Komunitarja taħt dan il-programm: studji teoriċi, studji biex jiġu kkontrollati ipoteżijiet, studji biex jiġu żviluppati strumenti jew tekniċi, xogħol li jinvolvi tekniċi mhux ippruvati jew sistemi 'mudell' u attivitajiet oħra ta' riċerka. Miżuri bħal dawn huma ammissibbli għalbiex jiġu kkunsidrati taħt il-programmi kwadru tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku fil-Komunità. L-adattament eżistenti għall-iskop ta' attività taħt dan ir-regolament jista', madankollu, jitqies ammissibbli għall-għajnuna taħt il-programm Komunitarju.

Il-miżuri ammissibbli għall-għajnuna taħt il-programm kwadru tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku fil-Komunità Ewropea, ma jistgħux jiġu mogħtija għajnuna.

Ma tistax tingħata għajnuna taħt dan il-programm għall-impenji li diġà ttieħdu fl-Istati Membri u/jew li huma ammissibbli taħt it-Titolu II, il-Kapitolu VI, tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 kif speċifikat taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 445/2002. Madankollu, miżuri li jwasslu għas-sinerġija bejn ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 u dan il-programm għandhom ikunu mħeġġa.

Miżuri li jinvolvu annimali nferjuri, pjanti nferjuri u mikro-organiżmi, inkluż il-faqqiegħ, huma ammissibbli biss meta dawn ikunu mrobbija jew ikkultivati fuq l-art u meta huma jew jistgħu jkunu ta' użu fl-agrikoltura, inklużi organiżmi adatti sabiex jiġu użati bħala aġenti ta' kontroll bijoloġiku fl-agrikoltura fl-iktar sens wiesgħa tagħha. Għandha ssir eċċezzjoni fil-każ speċifiku ta' relazzjonijiet ġenetiċi determinati bejn parrassita jew simbijont u ospitanti, u meta ż-żewġ organiżmi għandhom jiġu kkonservati. Il-ġbir u l-akkwist huma soġġetti għall-prijoritajiet stipulati hawn fuq.

## 3. **Tipi ta' miżuri**

L-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju għall-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-valutazzjoni, l-kollezzjoni, d-dokumentazzjoni, l-iżvilupp u l-użu ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura jinkludi miżuri mmirati, miżuri kkonċertati u miżuri ta' akkumpanjament. L-azzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu promossi:

### 3.1. *Miżuri mmirati*

Il-miżuri li jimmiraw lejn il-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-valutazzjoni, l-kollezzjoni, d-dokumentazzjoni, l-iżvilupp u l-użu *ex situ, in situ* u fuq l-ażjenda tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura huma destinati biex isostnu jew jintegraw, fil-livell Komunitarju, xogħol implimentat fuq livell reġjonali u nazzjonali. Għandhom ikunu trans-nazzjonali (fejn xieraq, jieħdu kont ukoll ta' l-aspetti bijo-ġeografiċi). Dawn il-miżuri ma jistgħux jinvolvu għajnuna għall-manteniment ta' żoni ta' protezzjoni tan-natura.

Il-miżuri għandhom iżidu mal-valur (billi jxerrdu l-konoxxenza, jżidu l-użu, jtejjbu l-metodoloġiji, jżidu l-iskambju bejn l-Istati Membri) ta' l-iskemi agri-ambjentali għall-ispeċi, r-radiċi, l-metodi ta' kultivazzjoni jew ir-razez li qegħdin f'riskju, li diġà ġew iffinanzjati fuq livell nazzjonali u reġjonali (e.g. karatterizzazzjoni ta' diversità ġenetika u distanza bejn ir-razzez rispettivi, użu ta' prodotti lokali, kordinazzjoni u riċerka ta' elementi komuni bejn l-amministraturi ta' l-iskemi).

Bħala regola ġenerali, dawn il-miżuri, jridu jitwettqu mill-parteċipanti stabbiliti fi ħdan il-Komunità u iffinanzjati mill-faċilità preżenti, bi sħab, fejn xieraq, ma organizzazzjonijiet minn reġjuni oħra tad-dinja. Trid tingħata prijorità lill-miżuri li jipprovdu għall-parteċipazzjoni ta' tnejn jew iktar parteċipanti li huma indipendenti minn xulxin stabbiliti fi Stati Membri differenti. Il-parteċipazzjoni mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGO's) u persuni oħrajn interessati fil-kamp tal-konservazzjoni *in situ*/fuq l-ażjenda għandha tkun promossa.

Għandhom jiġu promossi t-tixrid u l-iskambju ta' riżorsi ġenetiċi Ewropej bil-għan illi jiżdied l-użu ta' speċi sotto-utilizzati imma wkoll l-użu ta' diversità wiesgħa ta' riżrosi ġenetiċi fi produzzjoni agrikola sostenibbli.

Għall-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, *network* deċentralizzat Ewropew, permanenti u aċċessibli fil-wisgħa ibbażat fuq l-*internet,* ta' inventarji nazzjonali tal-ġbir *ex situ* (banek tal-ġeni), faċilitajiet *in situ* (riżorsi) u ta' banek tad-dati bbażati fuq inventarji nazzjonali huwa disponibbli fil-preżent jew qed jiġi żviluppat fi ħdan il-qafas ta' l-inizjattiva EPGRIS. L-iżvilupp ta' inventarji nazzjonali ta' ġbir *ex situ* miżmuma fil-pajjiżi Ewropej, u katalogu tar-riċerka Ewropea (Eurisco) għandhom ikunu stabbiliti u mtejjba u inventarji tar-riżorsi *in situ* (riservi ġenetiċi u unitajiet tal-konservazzjoni ġenetika) għandhom ikunu żviluppati.

Inventarju Ewropew deċentralizzat, permanenti u aċċessibli fil-wisgħa, ibbażat fuq l-*internet,* ta' riżorsi ġenetiċi forestali, li jinkludi riżrosi *in situ* (riservi ġenetiċi jew unitajiet ta' konservazzjoni ġenetika) u ġbir *ex situ* għandu jkun stabbilit fuq il-bażi ta' l-inventarji nazzjonali u li jieħu in konsiderazzjoni l-attivitajiet tal-programm tan-*network* Euforgen.

Għar-riżorsi ġenetiċi ta' l-annimali miżmuma fl-irziezet, għandhom isiru sforzi biex jikkonċentraw f'*network* Ewropea ta' l-inventarji nazzjonali ta' l-aspetti amministrattivi (oriġini u *status* tal-finanzjament, l-istat tar-razez u kemm huma mhedda, fejn jinstabu ir-reġistri tal-merħliet,…) li għandhom jiġu amministrati skond id-DAD-IS, is-sistema informatiku għall-Istrateġija Globali għall-Amministrazzjoni tar-Riżorsi Ġenetiċi ta' l-Annimali fl-Irziezet (AnGR - *Animal Genetic Resources*)

Għall-konservazzjoni *ex situ* tar-riżorsi ġenetiċi ta' l-annimali (seme, embrijuni) għandu jiġi żviluppat *network* ibbażat fuq l-*internet* ta' l-inventarji nazzjonali u katalogu tar-riċerka Ewropew għall-infomazzjoni minima fil-passaporti. L-inventarju għandu jikkonsisti prinċipalment fl-istabbiliment, fl-aġġornament regolari u l-pubblikazzjoni regolari tal-faċilitajiet (ħażna u konservazzjoni) għar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura miġbura fil-Komunità, u l-elenkar ta' xogħol għaddej fil-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-valutazzjoni, l-ġbir, d-dokumentazzjoni, l-iżvilupp u l-użu ta' dawn ir-riżorsi ġenetiċi. Jistgħu jiġu nklużi d-dettalji minimi għall-passaport taż-żidiet individwali.

Għar-riżorsi ġenetiċi mikrobiċi, *network* ta' inventarji nazzjonali tar-riżorsi *ex situ* u *in situ* bbażat fuq l-*internet* għandu jiġi stabbilit, fil-kwadru tan-*Network* taċ-Ċentru tar-Riżorsi Bioloġiċi Ewropej (EBRCN - *European Biological Resource Centre Network*).

Għandhom jiġu promossi l-iskambji regolari ta' informazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet kompetenti fl-Istati Membri, b'mod partikolari dwar l-oriġini u l-karatteristiċi individwali ta' riżorsi ġenetiċi disponibbli. Dan għandu jgħin fl-istabbiliment ta' *network* ta' inventarji nazzjonali li jipprovdi gwida għall-kollezzjonijiet ta' riżorsi ġenetiċi konservati u għall-attivitajiet assoċjati fil-Komunità. Il-miri tan-*network* ta' l-inventarju nazzjonali jkunu li jsostnu l-attivitajiet Komunitarju u nazzjonali u jinkoraġġixxu t-tixrid tal-konoxxenzi bl-iktar mod wiesgħa u l-użu tal-materjal ippreservat.

L-ispiża għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' Għaqdiet Non Governattivi (NGO's), l-istabbiliment u l-monitoraġġ ta' l-inventarji, l-iskambji regolari ta' informazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet kompetenti fl-Istati Membri u l-preparazzjoni ta' pubblikazzjonijiet u rapport regolari, għandha tkun koperta mill-approprijazzjonijiet totali allokati għall-implimentazzjoni tal-programm.

3.2. *Miżuri konċertati*

Il-miżuri konċertati huma maħsuba biex itejjbu l-kordinazzjoni fil-livell Komunitarju, l-iktar bl-organizzazzjoni ta' seminarju u bil-preparazzjoni ta' rapport, bejn miżuri individwali (nazzjonali, reġjonali, lokali) għall-konservazzjoni, l-karatterizzazzjoni, l-valutazzjoni, l-ġbir, d-dokumentazzjoni, l-iżvilupp u l-użu ta' riżrosi ġenetiċi fl-agrikoltura li diġà qegħdin isiru fl-Istati Membri. B'mod partikolari, għadhom jippromwovu l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq kwistjonijiet tematiċi u fuq miżuri u programmi speċifiċi, lokali (fir-razzett), reġjonali jew nazzjonali (mwettqa jew ippjanati taħt l-awtorità ta' l-Istati Membri jew minn korpi li m'humiex taħt l-awtorità tagħhom) inklużi l-miżuri li jew qed jitwettqu jew li jistgħu jitwettqu taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u indikazzjonijiet ta' oriġini għall-prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel(1) u (KEE) Nru 2082/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar ċertifikati ta' karattru speċifiku għall-prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel(2) jew id-Direttiva tal-Kunsill 98/95/KE ta' l-14 ta' Diċembru 1998 li jemenda, fir-rigward tal-konsolidazzjoni ta' suq intern, il-varjetajiet tal-pjanti modifikati ġenetikament u r-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti, id-Direttivi 66/400/KEE, 66/401/KEE, 66/402/KEE, 66/403/KEE, 69/208/KEE, 70/457/KEE u 70/458/KEE dwar il-*marketing* taż-żrieragħ tal-pitravi, taż-żrieragħ tal-pjanti ta' l-għalf, taż-żrieragħ taċ-ċereali, taż-żrieragħ tal-patata, taż-żrieragħ taż-żejt u pjanti tal-fibri u taż-żrieragħ tal-ħaxix u dwar il-katalogu komuni tal-varjetajiet ta' l-ispeċi tal-pjanti agrikoli (3), għall-iskopijiet ta' kordinazzjoni ta' dawn l-inizjattivi bejniethom, ma' miżuri mwettqa fil-livell komunitarju u ma' proċessi internazzjonali rilevanti żviluppi u ftehim. Miżuri konċertati jistgħu wkoll jinvolvu l-kordinazzjoni ta' attivitajiet fuq kwistjonijiet tematiċi (riżorsi ġenetiċi speċifiċi ta' uċuħ jew annimali) permezz ta' gruppi tekniċi speċjalizzati. Il-miżuri konċertati għandhom ikunu transnazzjonali.

3.3. *Miżuri li jakkumpanjaw*

Miżuri speċifiċi li jakkumpanjaw għandhom jinkludu miżuri ta' informazzjoni, ta' tixrid u ta' konsulenza li jinvolvu:

— l-organizzazzjoni ta' *seminars,* konferenzi tekniċi, *workshops,* laqgħat okkażjonali ma' l-NGO's u korpi oħra nteressati u persuni interessati rilevanti,

— korsijiet tat-taħriġ u skemi ta' mobilità għall-ispeċjalisti,

— preparazzjoni ta' rapporti tekniċi,

— il-promozzjoni ta' l-użu tar-riżultati mis-suq (utenti).

4. **Miżuri mmirati: iktar dettalji dwar setturi ammissibbli**

4.1. *Riżorsi ġenetiċi ta' l-uċuħ*

1. L-iżvilupp ta' *network* permanenti u aċċessibli fil-wisgħa ibbażat fuq l-*internet,* ta' inventarji nazzjonali dwar ir-riżorsi ġenetiċi ta' l-uċuħ (*in situ* u *ex situ*); manutenzjoni u titjib ulterjuri ta' l-Eurisco.

2. Skambju ta' informazzjoni dwar metodi, teknika u esperjenzi ta' attivitajiet fl-irziezet, inklużi l-utilizzazzjoni u l-kunċetti ta' *marketing* li jistgħu jippromwovu l-użu ta' uċuħ li mhumiex utilizzati biżżejjed u jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni fl-agrikoltura.

3. Inventarju u dokumentazzjoni tar-riżorsi *in situ* ta' uċuħ qraba selvaġġi li huma użati jew potenzalment utili għall-ikel u l-agrikoltura.

4. L-istabbiliment, manutenzjoni u titjib tal-Bażi tad-*data* Ċentrali Ewropea ta' l-uċuħ (ECCDBs - *European Central Crop Databases*) bid-data tal-karatterizzazzjoni u tal-valutazzjoni u konnessa man-*network* ta' l-inventarji nazzjonali u mal-katalogu Eurisco għad-*data* fl-livell ta' passaporti.

5. L-Istabbiliment u l-kordinazzjoni ta' kollezzjonijiet Ewropej permanenti *ex situ* bbażati fuq il-kollezzjonijiet *ex situ* eżistenti nazzjonali jew istituzzjonali, li jimplimentaw kunċetti bbażata fuq il-koresponsabbilità għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi ta' l-uċuħ fost il-pajjiżi Ewropej.

6. L-Istabbiliment u l-kordinazzjoni ta' *network* Ewropew dwar għelieqi/ġonna tal-konservazzjoni u d-dimostrazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi ta' l-uċuħ mhedda jew sotto-utilizzati.

7. Il-karatterizzazzjoni u l-valutazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi ta' l-uċuħ li jistgħu jkunu ta' interess għall-agrikoltura Ewropea.

8. Il-ġbir, b'konformità mal-liġijiet u ma' l-obbligi internazzjonali, tar-riżorsi ġenetiċi ta' l-uċuħ li jistgħu jkunu ta' interess għall-agrikoltura Ewropea.

4.2. *Riżorsi ġenetiċi tal-foresti*

1. L-istabbiliment ta' *network* bbażat fuq l-*internet* permanenti u aċċessibbli fil-wisgħa ta' inventarji nazzjonali dwar riżorsi ġenetiċi tal-foresti li jintużaw jew potenzalment utli għall-immaniġġjar sostenibbli tal-foresti fl-Ewropa.

2. Skambju ta' informazzjoni dwar metodi, teknika u esperjenzi dwar il-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżrosi ġenetiċi tal-foresta.

3. Analiżi u żvilupp ta' l-aħjar prattiċi operattivi fl-immaniġġjar ta' riżorsi ġenetiċi tal-foresti u integrazzjoni ta' attivitajiet relatati fil-programmi tal-foresti nazzjonali;

4. L-istabbiliment ta' *networks* Ewropej ta' riżorsi ġenetiċi rappreżentattivi jew unitajiet ta' konservazzjoni ta' ġeni għall xi speċje immirati rilevanti sabiex titjieb il-konservazzjoni u l-karatterizzazzjoni fil-livell Ewropew.

5. Valutazzjoni ta' riżorsi ġentiċi tal-foresti fl-livell ta' speċi u radiċi (inklużi l-valutazzjoni ta' provi fil-każ ta' esperimenti attwali dwar provenjenza) li jista' jkun importanti għall-imaniġġjar sostenibbli tal-foresti fl-Ewropa.

6. L-istabbiliment u l-kordinament ta' kollezzjonijiet biex jiġi promoss l-użu ta' riżorsi ġenetiċi għall-iskop ta' tisġir, tisġir mill-ġdid, rijabilitazzjoni u titjib fis-siġar fil-livell Ewropew.

7. Il-ġbir ta' riżorsi ġentiċi tal-foresti li jistgħu jkunu ta' interess fl-livell Ewropew.

4.3. *Riżorsi ġenetiċi ta' l-annimali*

1. L-istabbiliment ta' *network* Ewropew bbażat fuq l-*internet*, permanenti u aċċessibli fil-wisgħa ta' inventarji nazzjonali dwar ir-riżorsi ġentiċi ta' l-annimali *ex situ* u *in situ*/fl-ażjenda billi jittieħed kont ta' attivitajiet fil-kwadru tal-Kordinaturi Nazzjonali Ewropej għar-riżorsi ġenetiċi ta' l-annimali u marbuta mas-sistema FAO/DAD-IS

2. L-iżvilupp ta' kriterji standardizzati u paragunabbli pan-Ewropej biex jidentifikaw il-prijoritajiet nazzjonali għall-azzjoni fil-qasam ta' konservazzjoni sostenibbli u l-utilizzazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi ta' l-annimali u l-ħtiġiet relatati għall-koperazzjoni internazzjonali.

3. L-istabbiliment ta' krijokonservatorji Ewropej ibbażati fuq il-krijokonservatorji nazzjonali u istituzzjonali, għar-riżorsi ġenetiċi ta' l-annimali.

4. Il-karatterizzazzjoni u l-valutazzjoni ta' riżorsi ġenetiċit a' l-annimali (speċi u razzez) użati jew li jistgħu potenzalment ikunu utli għall-ikel u l-agrikoltura.

5. L-istabbiliment ta' sistema standardizzata Ewropea għall-kontroll tar-rendiment tar-riżorsi ġenetiċi ta' l-annimali fl-agrikoltura, u d-dokumentazzjoni tal-karatteristiċi ta' razez u merħliet ta' annimali mrobbija li huma mhedda.

6. L-istabbiliment u l-kordinament ta' *network* pan-Ewropew ta' '*ARK farms*', ċentri ta' sokkors u *parks* ta' annimali tat-trobbija għall-razez ta' annimali ta' trobbija Ewropej li huma mhedda;

7. L-iżvilupp ta' programmi komuni ta' tnissil trans-nazzjonali għall-razez u merħliet li huma mhedda. Stabbiliment ta' regoli għall-iskambju ta' informazzjoni, ta' materjal ġenetiku u annimali għat-tnissil.

8. L-iżvilupp ta' strateġiji illi jsostnu iż-żieda fil-profitt li jsir fuq razez lokali sabiex jiġi żviluppat l-irbit bejn razez lokali u prodotti tipiċi tagħhom, biex jiġi identifikat u promos il-valur ta' razez lokali għas-servizz li jagħtu lill-ambjent (e.g. il-konservazzjoni tal-pajżaġġ, l-immaniġġjar ta' agro-ekosistemi) u għall-kontribuzzjoni tagħhom għall karattru b'diversità ta' funzjonijiet li għandha l-agrikoltura (e.g. li żżomm ħajja id-diversità kulturali, l-iżvilupp u t-turiżmu rurali, etċ.).

9. L-iżvilupp ta' strateġiji illi jippromwovu l-użu ta' riżorsi ġenetiċi ta' annimali sotto-utilizzati illi jistgħu jkunu ta' interess fil-livell Ewropew.

*L-ANNESS II*

**Analiżi indikattiva finanzjarja għall-programm Komunitarju**

| | % |
|---|---|
| Miżuri | 90 |
| Miżuri mmirati | 73 |
| — għall-promozzjoni tal-konservazzjoni, tal-karatterizzazzjoni, l-ġbir u l-użu *ex situ*u *in situ*tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura sabiex jippromwovu u jintegraw, fl-livell Komunitarju, xogħol li jkun sar fuq livell reġjonali jew nazzjonali. | (53) |
| — għall-iżvilupp ta' inventarji ddeċentralizzati Ewropej, permanenti u aċċessibbli fil-wisgħa bbażati fuq l-*internet*ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura (b'mod partikolari, l-oriġini tagħhom u l-karatteristiċi tagħhom), l-attivitajiet ta' konservazzjoni, faċilitajiet u bażi tad-*data*attwalment disponibbli jew li qed jiġu żviluppati fil-Komunità. | (20) |
| Miżuri konċertati | 9 |
| Skambju ta' informazzjoni fuq kwistjonijiet tematiċi dwar miżuri u programmi nazzjonali għall-iskop ta' titjib fil-kordinazzjoni ta' dawn l-inizzjattivi kif ukoll ma miżuri meħuda f'livell Komunitarju u ma' żviluppi fin-negozjati internazzjonali. | |
| Miżuri li jakkumpanjaw | 8 |
| Azzjonijiet ta' informazzjoni, ta' tixrid u ta' konsulenza li jinvolvu l-organizzazzjoni ta' *seminars,*konferenzi tekniċi, laqgħat ma' l-NGOs u persuni nteressati oħra rilevanti, korsijiet ta' taħriġ u l-preparazzjoni ta' rapporti tekniċi. | |
| Assistenza teknika u konsultazzjoni ta' esperti (valutazzjoni) | 10 (8 + 2) |
| Totali | 100 |